MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 3214/1996/1

**R. von BROCKDORFF INSURANCE AGENCY LIMITED, għan-nom u in rappreżentanza tas-Soċjeta' estera Commercial Union Assurance Company p.l.c. surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha s-Soċjeta' CPS Company Limited u b'Nota tal-10 ta' Marzu, 1999, is-Soċjeta' Atlas Insurance Agency Limited aġenti f'Malta tas-Soċjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance p.l.c. ċessjonarja tad-drittijiet tas-Soċjeta' estera Commercial Union Assurance Company p.l.c. assumiet l-atti tal-kawża minflok is-Soċjeta' R. Von Brockdorff Insurance Agency Limited**

**vs**

**FALCOTRANS LIMITED bħala aġenti tas-Soċjeta' estera Parteno Group S.r.l. u b'Degriet tat-23 ta' Jannar, 2003, għan-Nota tat-22 ta' Jannar, 2003, is-Soċjeta' Eurocargo Freight Services Limited ġiet nominata Kuratriċi għas-Soċjeta' estera Parteno Group S.r.l.**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-12 ta' Novembru, 1996, li bih il-kumpannija attriċi *nomine* ippremettiet:

Illi s-soċjeta' CPS Company Limited importat mill-Olanda u mill-Italja kwantita' ta' frott u ħxejjex (Dok. "A" u "B") li ġew trasportati lejn Malta permezz ta' frigo trailer appartenenti lis-soċjeta' estera Parteno Group Srl;

Illi wara l-wasla tiegħu f'Malta fl-1 t'Awissu 1995 il-frigo trailer bil-kontenut ta' ġio fih ittieħed f'maħzen li s-soċjeta' importatriċi għandha f'Ħaż-Żebbug fejn beda l-ħatt tal-merkanżija fil-presenza ta' uffiċjali tad-Dwana – waqt dan ix-xogħol sar użu minn palletiser;

Illi minħabba problemi fil-provvista tal-elettriku għall-cold stores, is-soċjeta' konvenuta, wara rikjesta tal-importatur, ħalliet il-frigo trailer għad-disposizzjoni tal-importatur biex ikollu aktar ħin għall-ħatt tal-prodott importat;

Illi waqt li l-frigo trailer kien għadu fil-maħżen l-istess frigo trailer ħa n-nar bil-konsegwenza li l-parti l-kbira mill-merkanzija importata li kienet għadha ma ġietx skarikata inqerdet għal kollox, il-palletiser li kien qed jintuża fix-xogħol tal-ħatt u li meta qabad in-nar kien fit-trailer safa' danneġġjat irreparabilment filwaqt li l-istess maħżen ġarrab il-ħsara;

Illi l-importatur kellu kopertura assikurativa permezz ta' polizza ta' assikurazzjoni tat-tip "*fire and special perils*" mas-soċjeta' attriċi li min-naħa tagħha għall-ħsarat u danni li ġarrab l-importatur ħallset kif obbligata s-somma ta' tlieta u għoxrin elf wieħed u sittin lira disgħin ċenteżmu (Lm23061.90c) u ġiet surrogata fid-drittijiet tal-importatur (Dok. "C");

Illi l-frigo trailer maħruq ġie spezzjonat bir-reqqa mill-Inginier Paul Cardona fil-presenza ta' rapprezentanti tal-partijiet kollha interessati u irrilaxxja rapport datat 10 ta' Diċembru 1995 (Dok. "D");

Illi s-soċjeta' estera Parteno Group Srl hija responsabbli għall-ħsara u konsegwenzjali danni;

Illi s-soċjeta' konvenuta noe, interpellata uffiċjalment biex tħallas id-danni attriċi, ċaħdet kull responsabilita';

Għaldaqstant is-soċjeta' attriċi nomine talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara lis-soċjeta' konvenuta nomine responsabbli għall-ħsara fuq riferita u danni konsegwenzjali; u

2. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta nomine tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tlieta u għoxrin elf wieħed u sittin lira disgħin ċenteżmu (Lm23061.90c) in linea ta' danni subiti mill-importatur u surrogati lis-soċjeta' attriċi, fiċ-ċirkostanzi u minħabba l-obbligi hawn fuq premessi;

Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-ittra uffiċjali tad-9 t'April 1996 u bl-imgħax legali mid-data tan-notifika ta' din l-imsemmija ittra uffiċjali, kontra s-soċjeta' konvenuta noe li hija nġunta għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija attriċi, flimkien mal-erba' (4) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fl-20 ta' Ġunju, 1997 li biha l-kumpannija Falcotrans Limited eċċepiet:

1. Fl-ewwel lok is-Soċjeta' eċċipjenti qatt ma kienet agenti lokali tas-soċjeta' estera Parteno Group Srl iżda sempliċement bħala konsenjatarji tal-kariku liema kariku kien effettivament destinat lis-CPS Company Limited, li magħha s-soċjeta' eċċipjenti aġixxiet bħala

‘commission agent’. Is-Soċjeta’ eċċipjenti ma għandha l-ebda fondi ta’ Parteno;

2. Bla preġudizzju għall-premess it-talba attriċi hija wkoll insostenibbli in kwantu l-merce kienet kollha skarikata minn fuq it-trailer tant li s-Soċjeta’ CPS Limited kienet iffirmat id-dokument relattiv tac-CMR indikanti l-fatt tal-iskarikar;

3. F’kull każ is-Soċjeta’ eċċipjenti ma hijiex responsbbli la għas-sinistru u lanqas għad-danni reklamati u dan kemm fattwalment kif ukoll legalment;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-Dikkarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imsemmija kumpannija mħarrka;

Rat is-Sentenza *in parte* mogħtija fit-2 ta’ Ottubru, 2002[1], li biha, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-Qorti (diversament presjeduta) laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija Falcotrans Limited u ħarġitha mill-kawża billi irriżulta li hija ma kinitx tirrappreżenta lill-kumpannija mħarrka Parteno S.r.l. *proprio*;

Rat in-Nota mressqa fit-22 ta’ Jannar, 2003[2], li biha l-kumpannija Eurocargo Freight Services Limited laqgħet il-bandu għall-ħatra ta’ Kuraturi Deputati biex jidhru għall-kumpannija mħarrka *proprio*;

Rat in-Nota li l-kumpannija Eurocargo Freight Services Limited ressqet Nota tal-Eċċezzjonijiet fis-17 ta’ Marzu, 2003[3], li biha eċċepiet:

1. Preliminarjament, illi l-provi s’issa akkwiżiti għandhom jiġu ilkoll sfilżati mill-atti tal-kawża peress illi s-soċjeta’ eċċipjenti ġiet innotifikata fis-26 ta’ Frar 2003 u

[1] Paġġ. 161-6 tal-proċess
[2] Paġ. 183 tal-proċess
[3] Paġġ. 186-8 tal-proċess

ma kelliex l-opportunita tressaq il-provi tagħha u tagħmel kontro-eżami tal-provi tal-parti l-oħra;

2. Llli l-azzjoni attriċi hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kap XVI;

3. Illi, preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, is-soċjeta' eċċipjenti mhijiex responsabbli għall-ħsara metru ta' din il-kawża;

4. Salvi eċċezzjonijiet utlerjuri;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-kumpannija mħarrka *nomine*;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka *nomine*;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-kumpannija Eurocargo Freight Services Limited tat-2 ta' Mejju, 2003[4], dwar l-ewwel eċċezzjoni tagħha;

Rat in-Nota mressqa fit-2 ta' Ġunju, 2003[5], li biha l-kumpannija attriċi wieġbet għas-sottomissjonijiet tal-kumpannija mħarrka;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degriet tagħha tal-10 ta' Ġunju, 2003, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

***Ikkunsidrat:***

[4] Paġġ. 193- 6 tal-proċess
[5] Paġġ. 197-8 tal-proċess

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka *nomine*, fejn qegħda titlob li kull prova mressqa s'issa għandha titneħħa mill-atti tal-kawża ġaladarba hija ġiet notifikata bl-atti tal-kawża biss fis-26 ta' Frar, 2003;

Illi, biex wieħed jifhem il-qafas ta' dak li wassal għal din is-sitwazzjoni, huwa xieraq li jissemmew xi fatti li jirriżultaw mill-atti tal-kawża. Il-kumpannija attriċi fetħet kawża għad-danni u kumpens kontra l-kumpannija Parteno Group S.r.l. li hija kumpannija barranija. Fetħitha kontra l-kumpannija Maltija (Falcotrans Limited) "bħala aġenti" tal-Parteno. Il-kumpannija Maltija mħarrka laqgħet, fost l-oħrajn, billi qalet li hija m'hijiex aġent tal-kumpannija barranija, u talbet li tinħareġ mill-kawża. Il-Qorti (diversament presjeduta) kienet ħatret Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma' l-provi. Il-partijiet ressqu l-provi dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija mħarrka *nomine*. Il-ġbir tal-imsemmija provi baqa' sejjer sas-smigħ tas-16 ta' Jannar, 2002[6], meta l-kawża tħalliet għat-trattazzjoni tal-imsemmija eċċezzjoni. Fit-2 t'Ottubru, 2002, ingħatat is-sentenza preliminari dwarha;

Illi r-raġuni li fuqha l-kumpannija Eurocargo Freight Services Limited qegħda tibni l-eċċezzjoni taħt eżami hi li, ladarba hija laqgħet notifika tal-atti tal-kawża biss fi Frar tal-2003, hija ma kellhiex opportunita' li tressaq il-provi tagħha u tagħmel il-kontro-eżami tax-xiehda li iddeponew;

Illi l-Qorti, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ma jidhrilhiex li l-eċċezzjoni hija mistħoqqa. Fl-ewwel lok, l-eċċipjenti nfushom jaqblu li x-xhieda li nġabret s'issa kienet maħsuba li tindirizza l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija oriġinarjament imħarrka bħala aġent tal-kumpannija mħarrka *proprio.* Huwa minnu li, f'xi partijiet minnha, x-xhieda setgħet tkun rilevanti wkoll għal fażijiet tal-kawża lil hinn minn mill-ambitu ta' dik l-eċċezzjoni, imma l-bixra ewlenija kienet dik li tindirizza l-kwestjoni jekk Falcotrans Limited kinitx jew le aġent f'Malta tal-

[6] Paġ. 152 tal-proċess

kumpannija Parteno Group, f'liema vesti hija kienet ġiet imħarrka;

Illi, fit-tieni lok, li kieku l-Qorti kellha tordna t-tneħħija mill-atti tax-xhieda kollha li tressqet s'issa dan ikun ifisser li jkun qiegħed jitwarrab il-qafas li fuqu jissejsu r-raġunijiet u l-kunsiderazzjonijiet li fuqhom inbniet is-sentenza preliminari. Kien jinħoloq stat assurd li s-sentenza tagħmel konsiderazjonijiet fuq ħwejjeġ li ma jkunux baqgħu jidhru iżjed fl-atti proċesswali;

Illi, fit-tielet lok, ma jistax jingħad li l-kumpannija eċċipjenti tassew qegħda ġġarrab preġudizzju u ħsara bil-fatt li ngħatat xhieda qabel ma hija daħlet fil-kawża. Dan jingħad għaliex l-għan ta' dik ix-xhieda kien biex iqis l-eċċezzjoni preliminari ta' Falcotrans Limited u mhux biex ixejjen id-difiżi li l-kumpannija li hija l-imħarrka tassew - Parteno Group S.r.l. - tista' tressaq fil-mertu, jekk mhux ukoll preliminarjament, dwar l-azzjoni attriċi. Il-qies li bih jitkejjel il-kriterju tat-trattament indaqs lill-partijiet f'kawża huwa dak li jiggarantixxi effettivament l-aħjar difiża lil kull parti. Dan ma jfissirx li, jekk parti tidħol jew tiddaħħal f'kawża wara li din tkun inbdiet, m'għandux jingħatalha l-jedd li f'dak l-istadju tuża l-mezzi kollha disponibbli fil-liġi biex tressaq il-każ tagħha u tagħmel il-kontrolli meħtieġa. Li kieku jingħad mod ieħor, allura dan iwassal għal stat fejn, per eżempju, jekk parti tiġi msejħa fil-kawża, il-proċess tas-smigħ tax-xhieda jkun irid jerġa' jinbeda mill-ġdid u dak li jkun diġa' sar jinħatt u jitwarrab. Dan huwa 'l bogħod ħafna minn dak li trid il-liġi għall-mod kif għandhom jiġu istruwiti l-kawżi;

Illi, fir-raba' lok, l-għażla ta' kumpannija mħarrka *nomine* li tilqa' l-bandu biex tidher għall-kumpannija mħarrka *proprio* kienet tagħha biss u, meta laqgħet dak il-bandu, kienet taf sewwa li kien hemm kawża li kienet ilha żmien miexja u fejn, saħansitra, wieħed mid-diretturi tagħha kien ħa sehem billi kien ittella' jixhed iżjed minn darba;

Illi, fil-ħames lok, jidher li t-talba għat-tneħħija tax-xhieda mill-atti ma taqbilx ma' dak li tipprovdi l-liġi. Imkien fil-liġi ma jingħad li l-ebda xiehda ma tkun ammissibbli jekk xi

parti ma tkunx għadha laqgħet kopja tal-atti u notifika tas-smigħ. Kemm hu hekk, l-artikolu 157 tal-Kodiċi jipprevedi sitwazzjoni fejn il-parti attriċi tista' tressaq, flimkien mal-Att taċ-Ċitazzjoni (u għalhekk qabel ma l-kawża tkun imqar ġiet appuntata jew anqas u anqas notifikata lill-parti mħarrka), provi b'affidavit li jirrigwardaw il-mertu, bla xejn b'daqshekk ma jkun iddgħajjef jew tneħħa l-jedd tal-parti mħarrka li tagħmel il-kontrolli kollha meħtieġa dwar dik ix-xhieda;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-kumpannija Eurocargo Freight Services Limited, bl-ispejjeż kontra tagħha, billi m'hijiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** li l-kawża titkompla bis-smigħ tal-provi.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------